



Il-kodiċi
ta' kondotta Ewropew
dwar is-sħubija

Il-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar Sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Unità E1

Dokument imħejji f'Jannar 2014

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal-qoxra: Shutterstock

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.

Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-79-35242-3 – doi:10.2767/52225 (Print)

ISBN 978-92-79-35219-5 – doi:10.2767/45068 (PDF)

© L-Unjoni Ewropea, 2014

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

KELMTEJN QABEL

Fil-21 ta' Diċembru 2013, wara aktar minn sentejn ta' negozjati, daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-2014-2020.

Dawn ir-Regolamenti jstabilixxu kif l-Istati Membri għandhom jippjanaw u jimplementaw il-proġetti ta' investiment tagħhom li jistgħu jkunu appoġġati minn EUR 325 biljun mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment fuq seba' snin.

Minn dawn il-fondi, aktar minn EUR 70 biljun għandhom jiġu investiti f'kapital uman permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Għall-ewwel darba, il-Fond Soċjali Ewropew se jkollu sehem minimu garantit fl-infiq totali tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, aktar minn EUR 6 biljun ġew allokati speċifikament biex jappoġġaw liż-żgħażaġħ permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ.

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt ta' dawn il-fondi, huwa kruċjali li l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha — nazzjonali, reġjonali u lokali — jaħdmu flimkien mill-qrib u fi sħubija ma' trade unions, ma' min iħaddem, ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u korpi oħrajn responsabbli, pereżempju biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni.

Bl-involvement tal-imsieħba fl-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti appoġġati mill-fondi tal-UE, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jiżguraw aħjar li l-fondi jintefqu fejn hemm l-aktar bżonnhom, u bl-aħjar mod possibbli.

L-Istati Membri kollha ser ikollhom isegwu dawn ir-regoli għat-tnejn u l-implimentazzjoni tal-programmi għall-perjodu 2014-2020.

Bħala riżultat, l-Istati Membri se jkollhom jiżguraw li l-fehmiet kollha rilevanti jiġu kkunsidrati meta jiġu identifikati l-prijoritajiet għall-finanzjament, u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-aktar strategji ta' investiment effettivi.

Dan l-approċċ ta' sħubija msaħħa huwa wieħed mill-innovazzjonijiet importanti li l-UE introduċiet fil-politika ta' koeżjoni l-ġdida.

Aħna nemmnu li se jagħti kontribut sinifikanti biex jiżgura li kull euro mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE tintnefaq bl-aktar mod effettiv possibbli biex tindirizza l-isfidi ekonomiċi u soċjali li l-Ewropa tiffaċċja bejn issa u l-2020.



László Andor
Kummissarju għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

WERREJ

1. INTRODUZZJONI.....	5
2. REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI	6
3. L-AĦJAR PRATTIKI MARBUTIN MAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TAS-SĦUBIJA FIL-PROGRAMMI TAL-FONDI EWROPEJ STRUTTURALI U TA' INVESTIMENT	17

1. INTRODUZZJONI

Is-sħubija ilha għal ħafna snin tikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-implimentazzjoni tal-fondi ta' ġestjoni konġunta tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Il-prinċipju tas-sħubija jimplika kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet pubbliċi fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili.

Is-sħubija għandha valur miżjud ċar fiż-żieda tal-effettività tal-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (il-fondi SIE). Din issaħħaħ l-impenn kollettiv u s-sjieda tal-politiki tal-Unjoni, iżżid l-għarfien disponibbli, il-kompetenzi u l-perspettivi fid-disinn u l-implimentazzjoni ta' strateġiji, u tiżgura aktar trasparenza fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Il-prinċipju ta' sħubija issa huwa approvat għall-Fondi SIE kollha. Huwa minnu li l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni pprova l-bażi legali għall-adozzjoni ta' att delegat dwar Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar Sħubija (KKES), li ser tgħin lill-Istati Membri jorganizzaw sħubija sinifikanti mal-partijiet interessati rilevanti.

Il-prinċipji ewlenin tal-KKES jinkludu dawn li ġejjin:

- l-imsieħba magħżula għandhom jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti;
- il-proċeduri tal-għażla għandhom ikunu trasparenti u jikkunsidraw l-oqfsa istituzzjonali u legali tal-Istati Membri;
- l-imsieħba għandhom ikunu involuti fit-tnejjja u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi; għal dan l-għan, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti rekwiżiti proċedurali minimi sabiex tkun żgurata konsultazzjoni fil-ħin, sinifikanti u trasparenti (jiġifieri ħin biżżejjed għall-konsultazzjoni, id-disponibbiltà tad-dokumenti, etc.);
- l-imsieħba għandhom ikunu rappreżentati fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programmi, fiċ-ċiklu kollu (jiġifieri fit-tnejjja, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni);
- l-implimentazzjoni effettiva ta' sħubija għandha tkun żgurata permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali ta' msieħba rilevanti permezz ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità li jkollhom fil-mira msieħba u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u li huma involuti fil-programmi;
- l-iskambju tal-esperjenza u t-tagħlim reċiproku għandhom ikunu ffaċilitati, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija li tkopri l-Fondi SIE kollha;
- ir-rwol tal-imsieħba fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija, kif ukoll il-prestazzjoni u l-effettività tas-sħubija matul il-perjodu tal-ipprogrammar għandhom ikunu soġġetti għall-valutazzjoni.

2. REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (*)

Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jipprovdi għal kodiċi ta' kondotta Ewropea sabiex jappoġġa u jiffaċilita lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni tas-sħubiji ta' Ftehimiet ta' Sħubija u l-programmi appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS). Dawn il-fondi issa qed joperaw f'qafas komuni u huma msejħa bħala "Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" (minn hawn 'il quddiem "il-fondi SIE").
- (2) Il-ħidma fi sħubija huwa prinċipju li ilu stabbilit fl-implimentazzjoni tal-fondi SIE. Is-sħubija timplika kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali kollha li jikkonsisti f'ċiklu tal-programm fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
- (3) L-imsieħba magħżula għandhom ikunu l-aktar rappreżentattivi tal-partijiet interessati rilevanti. Il-proċeduri tal-għażla għandhom ikunu trasparenti u jqisu l-oqfsa istituzzjonali u legali differenti tal-Istati Membri u l-kompetenzi nazzjonali u reġjonali tagħhom.
- (4) L-imsieħba għandhom jinkludu awtoritajiet pubbliċi, imsieħba ekonomiċi u soċjali u korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba ambjentali, organizzazzjonijiet volontarji u bbażati fil-Komunità, li jistgħu jinfluwenza b'mod sinifikanti jew ikunu affettwati b'mod sinifikanti mill-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-programmi ta' Sħubija. Għandha tingħata attenzjoni speċifika biex jiġu inklużi gruppi li jistgħu jiġu affettwati minn programmi li iżda jsibuha diffiċli li jinfluenzawhom, b'mod partikolari l-komunitajiet l-aktar vulnerabbli

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

(*) L-att delegat se jidħol fis-seħħ xahrejn wara l-adozzjoni tiegħu sakemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jesprimu l-ebda oġġezzjoni.

u marġinalizzati, li huma bl-ogħla riskju ta' diskriminazzjoni jew ta' esklużjoni soċjali, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà, il-migranti u l-persuni Roma.

- (5) Għall-għażla tal-imsieħba, huwa meħtieġ li jittieħed kont tad-differenzi bejn Ftehimiet ta' programmi ta' Sħubija. Il-Ftehimiet ta' Sħubija jkopru l-fondi SIE kollha li jipprovdu appoġġ għal kull Stat Membru, filwaqt li l-programmi jirreferu biss għall-fondi SIE li jikkontribwixxu għalihom. L-imsieħba ta' Ftehimiet ta' Sħubija għandhom ikunu dawk rilevanti minħabba l-użu ppjanat tal-fondi kollha SIE kollha, filwaqt li għal programmi huwa biżżejjed li l-imsieħba huma dawk rilevanti minħabba l-użu ppjanat tal-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-programm.
- (6) L-imsieħba għandhom ikunu involuti fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet u programmi ta' Sħubija. Għal dan l-iskop, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji u prattiċi tajbin ewlenin li jikkonċernaw konsultazzjoni f'waqtha, sinifikanti u trasparenti tal-imsieħba dwar l-analiżi ta' sfidi u ħtiġijiet li jridu jiġu trattati, l-għażla ta' objettivi u prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati, u l-istrutturi ta' koordinament u ftehimiet ta' governanza f'diversi livelli li huma neċessarji għat-twettiq effettiv tal-politika.
- (7) L-imsieħba għandhom ikunu rappreżentati fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programmi. Ir-regoli li jmexxu s-sħubija u l-proċeduri tal-kumitat għandhom jippromwovu l-kontinwità u s-sjieda ta' programmar u implimentazzjoni, l-arranġamenti ta' ħidma li huma ċari u trasparenti, kif ukoll il-prontezza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.
- (8) Permezz tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-kumitati ta' monitoraġġ, l-imsieħba għandhom ikunu involuti fl-ewalwazzjoni ta' prestazzjoni fuq il-prijoritajiet differenti, ir-rapporti rilevanti dwar il-programmi u, fejn xieraq, is-sejħiet għal proposti.
- (9) Sħubija effettiva għandha tkun iffaċilitata billi tingħata għajnuna lill-imsieħba rilevanti sabiex isaħħu l-kapaċità istituzzjonali tagħhom fid-dawl tat-tnejn u l-implimentazzjoni tal-programmi.
- (10) Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju ta' prattika tajba, it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u t-tixrid ta' riżultati rilevanti fost l-Istati Membri, l-awtoritajiet maniġerjali u r-rappreżentanti tal-imsieħba permezz tat-twaqqif ta' Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija li tkopri l-fondi kollha SIE.
- (11) Ir-rwol tal-imsieħba fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-prestazzjoni u l-effettività tal-partenarjat fil-perjodu ta' programmar għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni mill-Istati Membri.
- (12) Sabiex tappoġġa u tiffaċilita lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni ta' sħubija, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli eżempji tal-aħjar prattiċi eżistenti fl-Istati Membri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1 Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar is-sħubija għall-Ftehimiet u programmi ta' Sħubija appoġġati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

Kapitolu II

Il-prinċipji ġenerali dwar proċeduri trasparenti għall-identifikazzjoni ta' msieħba rilevanti

Artikolu 2

Ir-rappreżentattività tal-imsieħba

L-Istati Membri jiżguraw li l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ikunu l-aktar rappreżentattivi tal-partijiet interessati rilevanti u jkunu nominati bħala rappreżentanti maħtura kif xieraq, billi jitqiesu l-kompetenza, il-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem b'mod attiv u l-livell xieraq ta' rappreżentanza.

Artikolu 3

L-identifikazzjoni tal-imsieħba rilevanti għall-Ftehim ta' Sħubija

1. Għall-Ftehim ta' Sħubija, l-Istati Membri jidentifikaw l-imsieħba rilevanti fost mill-inqas dan li ġej:
 - (a) L-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, inklużi:
 - (i) L-awtoritajiet reġjonali, rappreżentanti nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u awtoritajiet lokali li jirrappreżentaw l-akbar b'liet u żoni urbani, li l-kompetenzi tagħhom huma relatati mal-użu ppjanat tal-Fondi SIE;
 - (ii) rappreżentanti nazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla, dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ u ċentri ta' riċerka minħabba l-użu ppjanat tal-Fondi SIE;
 - (iii) awtoritajiet pubbliċi nazzjonali oħra responsabbli għall-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli minn 4 sa 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 minħabba l-użu ppjanat tal-Fondi SIE; u b'mod partikolari korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali stabbiliti skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE⁽²⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE⁽³⁾ u d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾;
 - (b) L-imsieħba ekonomiċi u soċjali, inklużi:
 - (i) l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali rikonoxxuti fuq livell nazzjonali, b'mod partikolari organizzazzjonijiet ġenerali intersettorjali u l-organizzazzjonijiet settorjali, li s-setturi tagħhom huma relatati mal-użu ppjanat tal-Fondi SIE;
 - (ii) kmamar tal-kummerċ nazzjonali u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju li jirrappreżentaw l-interess ġenerali ta' industriji u fergħat, minħabba l-użu ppjanat tal-fondi SIE u bil-ħsieb li tiġi żgurata rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' intrapriżi kbar, ta' daqs medju, żgħar u mikrointrapriżi, flimkien mar-rappreżentanti tal-ekonomija soċjali;

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000 p. 22).

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għall-merkanzija u l-provvista tagħha, (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

(4) Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

- (c) korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħall-imsieħba ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, inkluż:
 - (i) korpi li jaħdmu fl-oqsma relatati mal-użu ppjanat tal-Fondi SIE u mal-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli minn 4 sa 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ibbażata fuq ir-rappreżentattività tagħhom, u filwaqt li titqies il-kopertura ġeografika u tematika, il-kapaċità tal-ġestjoni, għarfien espert u approċċi innovattivi;
 - (ii) organizzazzjonijiet oħra jew gruppi li huma affettwati b'mod sinifikanti jew li x'aktarx jiġu affettwati b'mod sinifikanti mill-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, b'mod partikolari gruppi li jitqiesu f'riskju ta' diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali.
2. Fejn l-awtoritajiet pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, u korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili stabbilixxew organizzazzjoni li tiġbor flimkien l-interessi tagħhom biex jiffaċilitaw l-involvement tagħhom fis-sħubija (l-organizzazzjoni ċentrali), huma jistgħu jinnominaw rappreżentant wieħed biex jippreżenta l-opinjoni tal-organizzazzjoni ċentrali fis-sħubija.

Artikolu 4

Identifikazzjoni ta' msieħba rilevanti għal programmi

1. Għal kull programm, l-Istati Membri jidentifikaw l-imsieħba rilevanti fost mill-inqas dawn li ġejjin:
- (a) l-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, inklużi:
 - (i) awtoritajiet reġjonali, rappreżentanti nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u awtoritajiet lokali li jirrappreżentaw l-akbar bliet u żoni urbani, li l-kompetenzi tagħhom huma relatati mal-użu ppjanat tal-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-programm;
 - (ii) rappreżentanti nazzjonali jew reġjonali ta' istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni, it-taħriġ u fornituri ta' servizzi ta' konsulenza u ċentri ta' riċerka, minħabba l-użu ppjanat tal-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-programm;
 - (iii) awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli mill-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli minn 4 sa 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, minħabba l-użu ppjanat tal-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-programm, u b'mod partikolari korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali stabbilit skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, id-Direttiva 2004/113/KE u d-Direttiva 2006/54/KE;
 - (iv) korpi oħra organizzati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u awtoritajiet li jirrappreżentaw oqsma fejn jitwettqu investimenti territorjali integrati u strateġiji ta' żvilupp lokali ffinanzjati mill-programm;

- (b) L-imsieħba ekonomiċi u soċjali, inklużi:
 - (i) organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali rikonoxxuti fuq livell nazzjonali jew reġjonali, b'mod partikolari organizzazzjonijiet intersettorjali ġenerali u organizzazzjonijiet settorjali li s-setturi tagħhom huma relatati mal-użu ppjanat tal-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-programm;
 - (ii) kmamar tal-kummerċ nazzjonali jew reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju li jirrappreżentaw l-interess ġenerali ta' industriji jew fergħat, bil-ħsieb li tiġi żgurata rappreżentazzjoni bbilanċjata ta' intrapriżi kbar, ta' daqs medju, żgħar u mikrointrapriżi flimkien mar-rappreżentanti tal-ekonomija soċjali;
 - (iii) korpi oħra simili organizzati fuq livell nazzjonali jew reġjonali;
- (c) korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħall-imsieħba ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, inklużi:
 - (i) korpi li jaħdmu fl-oqsma relatati mal-użu ppjanat tal-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-programm u għall-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli minn 4 sa 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ibbażata fuq ir-rappreżentattività tagħhom, u filwaqt li titqies il-kopertura ġeografika u tematika, il-kapaċità tal-ġestjoni, għarfien esperti u approċċi innovattivi;
 - (ii) korpi li jirrappreżentaw il-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
 - (iii) organizzazzjonijiet oħra jew gruppi li huma affettwati b'mod sinifikanti jew li x'aktarx jiġu affettwati b'mod sinifikanti bl-implimentazzjoni tal-Fondi SIE; b'mod partikolari, gruppi li jitqiesu f'riskju ta' diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali.

2. Fir-rigward ta' programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropej, l-Istati Membri jistgħu jinvolvu fis-šhubija:

- (i) raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali li joperaw fiż-żona tal-programm transfruntiera jew transnazzjonali rispettiva tagħhom;
- (ii) awtoritajiet jew korpi li huma involuti fl-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' strateġija makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar fiż-żona tal-programm, inklużi koordinaturi tal-qasam ta' prijorità għal strateġiji makroreġjonali.

3. Fejn l-awtoritajiet pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, u korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili stabbilixxew organizzazzjoni ċentrali, huma jistgħu jinnominaw rappreżentant wieħed li jippreżenta l-opinjoni ta' organizzazzjoni ċentrali fis-šhubija.

Kapitolu III

Prinċipji ġenerali u prattiċi tajba li jikkonċernaw l-involiment ta' imsieħba rilevanti fil-preparazzjoni tal-ftehim u tal-programmi ta' sħubija

Artikolu 5

Konsultazzjoni ta' imsieħba rilevanti fil-preparazzjoni tal-Ftehim u tal-programmi ta' Sħubija

1. Sabiex jiżguraw it-trasparenza u l-involiment effettiv ta' msieħba rilevanti, l-Istati Membri u l-awtoritajiet maniġerjali jikkonsultawhom dwar il-proċess u l-iskeda tal-preparazzjoni tal-Ftehim u l-programmi ta' Sħubija. Meta jagħmlu dan, huma jinżammu infurmati b'mod sħiħ dwar il-kontenut tagħhom u kwalunkwe tibdil fid-dazji.
2. Fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-imsieħba rilevanti, l-Istati Membri jqisu l-ħtieġa għal:
 - (a) żvelar f'waqtu u aċċess faċli għal informazzjoni rilevanti;
 - (b) żmien biżżejjed għall-imsieħba biex janalizzaw u jikkomentaw dwar dokumenti preparatorji prinċipali u dwar l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija u l-abbozzi tal-programmi;
 - (c) mezzi disponibbli li permezz tagħhom l-imsieħba jistgħu jistaqsu mistoqsijiet, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet u jkunu infurmati dwar il-mod li bih il-proposti tagħhom tqiesu;
 - (d) it-tixrid tal-eżitu tal-konsultazzjoni.
3. Fir-rigward tal-programmi ta' żvilupp rurali, l-Istati Membri jieħdu kont tar-rwol li n-netwerks rurali nazzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾ ikun jistgħu jaqdu u jinvolvu msieħba rilevanti.
4. Fejn għe stabbilit ftehim formali bejn il-livelli differenti ta' gvernanza f'livell nazzjonali, l-Istat Membru jqis dawn ftehimiet ta' gvernanza f'diversi livelli skont il-qafas istituzzjonali u legali tiegħu.

Artikolu 6

Preparazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija

L-Istati Membri jinvolvu l-imsieħba rilevanti, skont tal-qafas istituzzjonali u legali tagħhom, fil-preparazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija, u b'mod partikolari dwar:

- (a) l-analiżi tad-differenzi, il-ħtiġijiet tal-iżvilupp u l-potenzjal ta' tkabbir b'referenza għall-għanijiet tematiċi, inklużi dawk indirizzati minn rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għal pajjiżi partikolari;
- (b) sommarji ta' kundizzjonalitajiet *ex ante* tal-programmi u s-sejbiet ewlenin ta' kwalunkwe evalwazzjonijiet *ex ante* tal-Ftehim ta' Sħubija li jsiru b'inizjattiva ta' Stat Membru;

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

- (c) l-għażla tal-obiettivi tematiċi, l-allokazzjonijiet indikattivi tal-fondi SIE u r-riżultati mistennija ewlenin;
- (d) il-lista ta' programmi u l-mekkaniżmi f'livell nazzjonali u reġjonali li jiżguraw il-koordinazzjoni tal-Fondi SIE ma' xulxin u ma' strumenti oħra tal-Unjoni u ta' finanzjament nazzjonali u mal-Bank Ewropew għall-Investment;
- (e) l-arranġamenti biex jiġi żgurat approċċ integrat għall-użu tal-Fondi SIE għall-iżvilupp territorjali ta' żoni urbani, rurali, kostali u tas-sajd u żoni b'karatteristiċi territorjali partikolari;
- (f) l-arranġamenti biex jiġi żgurat approċċ integrat għall-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni ġeografiċi l-aktar milquta mill-faqar jew ta' gruppi fil-mira bl-ogħla riskju ta' diskriminazzjoni jew esklużjoni, b'kunsiderazzjoni speċjali għal komunitajiet marġinalizzati;
- (g) l-implimentazzjoni ta' prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli 5, 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Artikolu 7

Informazzjoni fuq l-involiment ta' imsieħba rilevanti fil-Ftehim ta' Sħubija

L-Istati Membri jipprovdu għall-Ftehim ta' Sħubija mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-lista ta' msieħba involuti fit-tħejjija tal-Ftehim ta' Sħubija;
- (b) l-azzjonijiet meħuda sabiex jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba, inklużi azzjonijiet meħuda f'termini ta' aċċessibbiltà, b'mod partikolari għal persuni b'diżabilità;
- (c) ir-rwol tal-imsieħba fit-tħejjija tal-Ftehim ta' Sħubija;
- (d) ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-imsieħba u deskrizzjoni tal-valur miżjud tagħha fit-tħejjija tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 8

Il-preparazzjoni tal-programmi

L-Istati Membri jinvolvu l-imsieħba rilevanti, skont tal-qafas istituzzjonali u legali tagħhom, fil-preparazzjoni tal-programmi, u b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:

- (a) l-analiżi u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet;
- (b) id-definizzjoni jew l-għażla ta' prijoritajiet u l-għan speċifiku relatat;
- (c) l-allokazzjoni tal-fondi;
- (d) id-definizzjoni ta' indikaturi speċifiċi tal-programmi;

- (e) l-implimentazzjoni ta' prinċipji orizzontali kif definit fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
- (f) Il-kompożizzjoni tal-kumitati ta' monitoraġġ.

Artikolu 9

Informazzjoni fuq l-involiment ta' imsieħba rilevanti fil-programmi

L-Istati Membri jipprovdu għal programmi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-azzjonijiet meħuda għall-involiment tal-imsieħba rilevanti fil-preparazzjoni tal-programmi u l-emendi tagħhom;
- (b) l-azzjonijiet ipplanati sabiex jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-imsieħba fl-implimentazzjoni tal-programmi.

Kapitolu IV

Prattiċi tajba li jikkonċernaw il-formulazzjoni tar-regoli ta' sħubija u proċeduri interni tal-kumitati ta' monitoraġġ

Artikolu 10

Ir-regoli ta' sħubija tal-kumitat ta' monitoraġġ

1. Meta jitfasslu r-regoli tas-sħubija tal-kumitat ta' sorveljanza, l-Istati Membri jqisu l-involiment ta' sħab li kienu involuti fil-preparazzjoni tal-programmi u jkollhom l-għan li jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.
2. Fir-rigward tal-kumitati ta' monitoraġġ tal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropej, l-imsieħba jistgħu jkunu rappreżentati minn organizzazzjonijiet ċentrali f'livell transnazzjonali fil-livell tal-Unjoni jew għal programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali u transnazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu sħab fit-tħejjijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'kumitati ta' koordinazzjoni fil-livell nazzjonali organizzati fl-Istati Membri parteċipanti.

Artikolu 11

Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ

Meta jitfasslu r-regoli ta' proċedura, il-kumitati ta' monitoraġġ iqisu l-elementi li ġejjin:

- (a) id-drittijiet tal-vot tal-membri;
- (b) l-avviż li jingħata ta' laqgħat u t-trażmissjoni ta' dokumenti, li, bħala regola ġenerali, ma għandux ikun inqas minn għaxart ijiem tax-xogħol;
- (c) l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-aċċessibilità ta' dokumenti ta' tħejjija sottomessi lill-kumitati ta' monitoraġġ;

- (d) il-proċedura għall-adozzjoni, il-pubblikazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-minuti;
- (e) l-arranġamenti għall-istabbiliment u attivitajiet ta' gruppi ta' ħidma fil-kumitati ta' monitoraġġ;
- (f) id-dispożizzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interess għall-imsieħba involuti fil-monitoraġġ, il-valutazzjoni u s-sejthiet għall-proposti;
- (g) il-kundizzjonijiet, il-prinċipji u l-arranġamenti għar-regoli ta' rimborż, l-oportunitajiet għall-bini tal-kapaċità u l-użu ta' għajnuna teknika.

Kapitolu V

Prinċipji ġenerali u prassi tajba li jikkonċernaw l-involviment ta' sħab rilevanti fil-preparazzjoni ta' sejthiet ta' proposti, ir-rapporti tal-progress u b'relazżjoni għal programmi ta' sorveljanza u evalwazzjoni

Artikolu 12

Obbligi relatati mal-protezzjoni tad-dejta, l-kunfidenzjalità u l-kunflitt tal-interess

L-Istati Membri jiżguraw li l-imsieħba involuti fil-preparazzjoni ta' sejthiet ta' proposti, ir-rapporti tal-progress u fi programmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni jkunu konxji mill-obbligi tagħhom relatati mal-protezzjoni tad-dejta, il-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess.

Artikolu 13

L-involviment ta' msieħba rilevanti fil-preparazzjoni tas-sejthiet għall-proposti

L-awtoritajiet maniġerjali jieħdu miżuri xierqa biex jiġi evitat kunflitt ta' interess potenzjali fejn jinvolvu l-imsieħba rilevanti fit-tnejn ta' sejthiet għal proposti jew fil-valutazzjoni tagħhom.

Artikolu 14

L-involviment ta' msieħba rilevanti fil-preparazzjoni tar-rapporti ta' progress

L-Istati Membri jinvolvu l-imsieħba rilevanti fit-tnejn ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija msemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, b'mod partikolari dwar il-valutazzjoni tar-rwol tal-imsieħba fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u ħarsa ġenerali tal-opinjoni mill-imsieħba matul il-konsultazzjoni, inkluż, fejn xieraq, id-deskrizzjoni tal-mod li bih l-opinjoni mill-imsieħba ġew ikkunsidrati.

Artikolu 15

L-involviment ta' msieħba rilevanti fil-monitoraġġ ta' programmi

L-awtoritajiet maniġerjali jinvolvu l-imsieħba, fil-qafas tal-kumitat ta' monitoraġġ u l-gruppi ta' ħidma tagħhom, fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm, inklużi l-konklużjonijiet tar-reviżjoni tar-rendiment, u fil-preparazzjoni ta' rapporti ta' implimentazzjoni annwali dwar il-programmi.

Artikolu 16

L-involviment ta' msieħba fil-valutazzjoni ta' programmi

1. L-awtoritajiet maniġerjali jinvolvu lill-imsieħba rilevanti fl-ewalwazzjoni ta' programmi fil-qafas tal-kumitati ta' monitoraġġ u, fejn xieraq, gruppi ta' ħidma speċifiċi stabbiliti mill-kumitati ta' monitoraġġ għal dan l-għan.
2. L-awtoritajiet maniġerjali għall-programmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni, jikkonsultaw l-imsieħba fuq ir-rapporti li jagħtu deskrizzjoni fil-qosor tas-sejbiet tal-ewalwazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu ta' programmazzjoni f'konformità mal-Artikolu 114(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Kapitolu VI

Oqsma indikattivi, temi u prattiki tajba dwar l-użu tal-fondi sie biex isaħħu l-kapaċità istituzzjonali ta' msieħba rilevanti u r-rwol tal-kummissjoni fit-tixrid ta' prattiċi tajba

Artikolu 17

It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-imsieħba rilevanti

1. L-awtorità maniġerjali teżamina l-ħtieġa li jsir użu ta' assistenza teknika bħala appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-imsieħba, b'mod partikolari fir-rigward l-awtoritajiet lokali żgħar, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u organizzazzjonijiet mhux governattivi, sabiex tgħinhom biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-ewalwazzjoni tal-programmi.
2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jieħ u l-forma ta', *inter alia*, gruppi ta' ħidma apposta, sessjonijiet ta' taħriġ, strutturi ta' koordinazzjoni u netwerking jew kontribuzzjonijiet lejn l-ispejjeż ta' parteċipazzjoni f'laqgħat dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-ewalwazzjoni ta' programm.
3. Għal programmi ta' żvilupp rurali, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi pprovdut permezz tan-netwerk rurali nazzjonali stabbilit skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
4. Għall-programmi tal-FSE l-awtoritajiet maniġerjali f'reġjuni inqas żviluppatti jew reġjuni ta' tranżizzjoni jew fl-Istati Membri li huma eliġibbli għal appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni jiżguraw li, skont il-ħtieġa, jiġu allokati riżorsi xierqa tal-FSE lill-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi li huma involuti fil-programmi.
5. Għal kooperazzjoni territorjali Ewropea, l-appoġġ skont il-paragrafi 1 u 2 jista' wkoll ikopri wkoll appoġġ lis-sħab sabiex isaħħu l-kapaċità istituzzjonali tagħhom għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali.

Artikolu 18

Ir-rwol tal-Kummissjoni fit-tixrid tal-prattiċi tajba

1. Il-Kummissjoni twaqqaf mekkaniżmu ta' kooperazzjoni msejħa l-Komunità Ewropea ta' prattika dwar is-sħubija, li jkun komuni għall-Fondi SIE u miftuħa għall-Istati Membri interessati, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-imsieħba fil-livell tal-Unjoni.

Il-Komunità Ewropea ta' Prattika dwar Sħubija tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza, il-bini tal-kapaċità, kif ukoll it-tqassim ta' riżultati rilevanti.

2. Il-Kummissjoni tagħmel disponibbli eżempji ta' prattika tajba fl-organizzazzjoni ta' sħubija.
3. L-iskambju ta' esperjenzi dwar l-identifikazzjoni, it-trasferiment u t-tixrid tal-prattika tajba u approċi innovattivi rigward l-implimentazzjoni ta' programmi u azzjonijiet ta' kooperazzjoni interreġjonali skont l-Artikolu 2(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁶⁾ jinkludi esperjenza ta' sħubija fil-programmi ta' kooperazzjoni.

Kapitolu VII **Dispożizzjonijiet finali**

Artikolu 19 Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

3. L-AĦJAR PRATTIKI MARBUTIN MAL- IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TAS-SĦUBIJA FIL-PROGRAMMI TAL-FONDI EWROPEJ STRUTTURALI U TA' INVESTIMENT

Prattiki tajbin sabiex jiġu segwiti l-proċeduri trasparenti għall- identifikazzjoni tas-sħab relevanti

Fir-Rumanija, bħala preparazzjoni għall-perjodu 2007-2013, l-awtorità maniġerjali tal-FSE kienet responsabbli mit-tweġġ ta' analiżi kuntestwali qabel l-adeżjoni tal-pajjiż mal-UE. Dan id-dokument serva bħala d-dokument ewlieni ta' programmar għall-Qafas Strateġiku Nazzjonali ta' Referenza (NSRF) u għall-programmi operattivi. Flimkien mal-ħtieġa li ssir ħidma bi sħubija mal-iżjed atturi relevanti tal-politika għall-eżerċizzju ta' pprogrammar fuq livell nazzjonali, kien ċar li l-mekkaniżmi tas-sħubija fuq livelli reġjonali u lokali kienu meħtieġa sabiex tissaħħaħ il-kapaċità għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni. Saret analiżi tal-kuntest dwar l-impjegji u l-inklużjoni soċjali f'kull reġjun permezz ta' laqgħat u diskussjonijiet mal-atturi relevanti f'livell reġjonali u ta' kontea. Pereżempju fir-reġjun tal-Grigal kienu involuti aktar minn 200 attur⁽⁷⁾.

Fl-Ungerija, bħala preparazzjoni għall-perjodu 2007-2013, il-metodoloġija għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-NSRF ġiet definita abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madwar 4000 organizzazzjoni ta' sħab, inklużi trej djunjins, gruppi interessati mill-impjegati u NGOs, rappreżentanti tan-negozju, tal-edukazzjoni u tax-xjenza, kienu mistiedna jaġhtu parir dwar l-orjentazzjoni tal-NSRF u l-Programmi Operattivi (PO). Il-pubbliku ġenerali seta' wkoll jaċċessa u jikkummenta dwar l-NSRF u l-PO minn paġna tal-internet. Ġew organizzati

sessjonijiet ta' ħidma biex jiġu diskussi l-abbozzi tal-verżjonijiet mas-sħab professjonali u dawk soċjali, u mar-rappreżentanti ministerjali⁽⁸⁾.

Il-prattiki tajbin biex jiġu involvuti kategoriji differenti ta' sħab fit- tnejn tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-programmi ta' sħubija, għandha tingħata informazzjoni dwar l-involviment tagħhom waqt id-diversi stadji tal-implimentazzjoni

Fir-Renju Unit, bejn l-2007 u l-2013, is-sħab kienu diġà involuta f'konsultazzjonijiet waqt punti differenti taċ-ċiklu tal-ipprogrammar. Għall-perjodu l-ġdid ta' programmar għall-2014-2020, il-Gvern tar-Renju Unit ippubblika gwida dwar l-Istrategji ta' Investiment tal-Unjoni Ewropea, biex jispjega r-rwol li s-sħab se jintalbu jżvolġu, l-appoġġ li se jkun disponibbli għalihom, u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni.

Fil-Latvja, il-preparazzjonijiet għall-perjodu 2014-2020 kienu jinvolvu proċess ta' parteċipazzjoni pubblika estensiv u trasparenti li seħħ skont il-Pjan ta' Żvilupp nazzjonali. Saru laqgħat informattivi dwar is-sħubija fl-ipprogrammar. Barra minn hekk, kien possibbli li jsiru kummenti dwar in-negozjati ta' bejn ir-rappreżentanti tal-Istat Membru u l-Kummissjoni Ewropea, u kien hemm laqgħa ta' segwitu, li saret fil-Ministeru tal-Finanzi, sabiex jiġu diskussi l-kummenti tas-sħab soċjali.

(7) Komunità għall-Prattika dwar is-Sħubija fl-FSE, il-Manwal "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet maniġerjali tal-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-sħubija), 2011.

(8) Komunità għall-Prattika dwar is-Sħubija fl-FSE, il-Manwal "How ESF managing authorities and intermediate bodies support partnership", (Kif l-awtoritajiet maniġerjali tal-FSE u l-korpi intermedjarji jappoġġaw is-sħubija), 2011.

Fi Franza, għall-perjodu ta' programmar 2014-2020, l-Instance Nationale de Préparation de l'Accord de Partenariat nediet konsultazzjoni pubblika qabel l-abbozzar tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Franza. Madwar 80 organizzazzjoni li jirrappreżentaw l-Istat, l-awtoritajiet lokali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-atturi ekonomiċi, ħadu sehem f'workshops tematiċi f'Marzu u April tal-2013 sabiex jagħtu sehemhom fl-abbozzar tal-Ftehim. Is-sħab nazzjonali, li kienu 300 organizzazzjoni li jirrappreżentaw diversi partijiet interessati, ġew mistiedna jibagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħhom bil-miktub għal dokument ta' konsultazzjoni abbozzat minn DATAR (*Délégation interministérielle à l'aménagement du territoire et à l'attractivité régionale*).

Prattiki tajbin għar-regoli ta' sħubija u għall-proċeduri interni tal-kumitati ta' monitoraġġ

Fir-Repubblika Ċeka, għall-perjodu ta' programmar 2007-2013, kull organizzazzjoni Ċeka relevanti setgħet taħtar rappreżentanti għall-kumitati ta' monitoraġġ. Kull ħatra, li kienet teħtieġ CV u ittra ta' motivazzjoni, ntbagħtet lill-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni għall-NGOs, il-Kunsill tal-Gvern għall-NGOs mingħajr għan ta' qligħ. Il-Kumitat responsabbli mill-Affarijiet Ewropej fi ħdan il-Kunsill ikkonferma l-ħatriet fil-kumitati ta' monitoraġġ.

F'Mecklenburg-Vorpommern, il-Ġermanja, għall-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-kumitat ta' monitoraġġ huwa responsabbli mill-Fondi tal-UE kollha. Huwa magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli mis-settur privat (pereżempju t-trejdjunjins, l-impjegaturi, l-impriżi żgħar, il-kmamar tal-kummerċ, il-bdiewa, l-assoċjazzjonijiet ambjentali u għall-protezzjoni soċjali). Dan jiltaqa' ta' spiss, minn ħames sa sitt darbiet fis-sena. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu influwenza reali fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-proġetti proposti, u s-sħab pubbliċi u privati għandhom l-istess numru ta' voti. Is-sistema tal-parteċipazzjoni fiha wkoll gruppi ta' ħidma u korpi konsultattivi oħrajn.

Fid-Danimarka, il-kumitat ta' monitoraġġ għall-programm tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013 dejjem jiddeċiedi abbażi ta' kunsens. Fil-prattika ma jittieħed l-ebda vot.

Prattiki tajbin sabiex jiġu involuti s-sħab fit-tnejn tas-sejnhiet għal proposti, tar-rapporti tal-progress, tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi

Fil-Greċja, matul il-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-Konfederazzjoni Nazzjonali ta' Persuni b'Diżabilità (NCDP) bħala membru bid-drittijiet tal-vot fil-kumitati ta' monitoraġġ, kienet qed teżamina l-implimentazzjoni korretta tal-kriterji ta' aċċessibilità fl-avviżi kollha, fis-sejnhiet għall-offerti, eċċ. Dawn il-kriterji ma kinux jorbtu li għandhom jiġu aċċettati applikazzjonijiet għal għajjuna mill-Fondi Strutturali.

Fil-Polonja, hemm Grupp ta' Ħidma tas-Soċjetà Ċivili fi ħdan il-Kumitat ta' Koordinament tal-Qafas Strateġiku Nazzjonali ta' Referenza (NSRF) li jiffirma opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' politiki orizzontali, jimmonitorja l-allinjament tal-programmi operattivi mal-Istrateġija Pollakka ta' Żvilupp għall-Pajjiż, jimmonitorja l-ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll tal-PO, jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tas-sessi u l-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli fil-PO.

Fil-Portugall, il-kumitat ta' monitoraġġ stabbilit għal programmar tal-2007-2013 għandu l-opportunità li jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar ir-rapporti ta' evalwazzjoni li jiġu diskussi fil-laqqgħat tiegħu. Barra minn hekk, xi sħab differenti taw kontribut sostanzjali fil-Pjan ta' Azzjoni li kellu jitfassal minħabba r-rakkomandazzjonijiet ta' implimentazzjoni stipulati fir-rapporti ta' evalwazzjoni.

Prattiki tajbin għat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tas-sħab

Fin-Nofsinar tal-Italja, ġiet stabbilita struttura ta' appoġġ iffanzjata mill-assistenza teknika sabiex jittejjeb l-involvement tas-sħab ekonomiċi u soċjali fil-programmi reġjonali u settorjali. Is-sħab ekonomiċi u soċjali ħolqu u mexxew ukoll b'suċċess proġett ta' assistenza teknika mill-2000 sal-2006, iffanzjat mill-FEŻR u li ffoka biex l-għarfien tagħhom dwar il-programmi tal-iżvilupp jittejjeb u biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem.

Għall-Programm Operattiv 2007-2013 għall-**Majjistral tal-Ingilterra**, il-grupp tekniku f'Liverpool tal-FEŻR huwa appoġġat minn żewġ persunal lokali impjegati mill-finanzjament għall-assistenza teknika u mill-awtorità maniġerjali, li jipprovdut informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-PO (l-infiq, ir-riżultati eċċ.) Dan il-persunal jattendi l-laqgħat tal-Grupp Tekniku f'funzjoni konsultattiva.

Fil-Polonja, in-Netwerk Tematiku Nazzjonali għas-Sħubija ġie stabbilit f'Ġunju 2010 biex jappoġġa lill-membri tal-kumitati ta' monitoraġġ, bil-għan li l-attivitajiet tagħhom isiru aktar effikaċi u sabiex jiġu eliminati l-problemi fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali. In-netwerk għandu l-appoġġ tal-Ministru Pollakk għall-Iżvilupp Reġjonali. L-ispiża tan-netwerk hija koperta mill-Programm Operattiv għall-Assistenza Teknika tal-2007-2013. In-netwerk jorganizza konferenza nazzjonali annwali u laqgħat reġjonali. Dan jagħmel analiżi, jaqsam l-esperjenza bbażata fuq studji tematiċi, iħejji kompetizzjoni għall-kumitat tal-monitoraġġ dwar il-prattiki ta' sħubija tajbin, u jorganizza attivitajiet edukattivi. Dan jippermetti l-iskambju orizzontali tal-informazzjoni bl-użu ta' bażi tad-dejta għall-għarfien, ġestit mill-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali.

Fil-Portugall, il-Konfederazzjoni tal-Industrija Portugiża wettqet proġett taħt il-PO għall-Potenzjal Uman, iffinanzjati mill-FSE għall-perjodu 2007-2013. Dan għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċitajiet ta' dialogu soċjali tagħha, jikkonsolida u jespandi r-rappreżentanza settorjali u reġjonali tagħha, u jsaħħaħ l-attivitajiet tagħha f'livell internazzjonali. Dan il-proġett kellu prinċipalment fil-mira l-istruttura l-Konfederazzjoni u s-sħab assoċjati, inklużi l-assoċjazzjonijiet

settorjali, multisettorjali u reġjonali, kif ukoll il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija.

Prattiki tajbin sabiex l-Istati Membri jevalwaw l-implimentazzjoni tas-sħubija u l-valur miżjud tagħha

Fir-Renju Unit, wara l-perjodu ta' programmar tal-2007-2013, il-Kunsill tal-Belt ta' Birmingham u l-pjan ta' Sħubija tal-Intrapriżi Lokali ta' Greater Birmingham u ta' Solihull qed jippanaw li jippreżentaw rapport lill-Gvern tar-Renju Unit li se jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu implimentati b'mod aktar effettiv l-arranġamenti ġodda ta' sħubija u ta' governanza għal fondi strutturali tal-UE.

Ir-rwol tal-Kummissjoni fit-tixrid tal-prattiki tajba

Fil-perjodu 2007-2013, **il-Komunità ta' Prattika dwar is-Sħubija (CoP)**, iffinanzjata mill-FSE, kienet netwerk minn disa' Stati Membri ta' awtoritajiet maniġerjali tal-FSE u ta' korpi intermedji. Dan in-netwerk wettaq skambju intensiv ta' esperjenzi dwar il-modi differenti ta' kif jiġu implimentati s-sħubiji bl-użu tal-metodu ta' rieżami tal-"ħbieb kritiċi", b'enfasi speċjali fuq il-proċessi u l-azzjonijiet ta' governanza. Is-COP kienet ikkofinanzjata minn allokazzjonijiet għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. In-netwerk ħoloq bosta rapporti bit-tagħlimiet ewlenin, mexxa portal fuq l-internet li inkluda bażi ta' dejta dwar l-esperjenzi tas-sħubija u ppubblika manwal tat-tagħlimiet mis-sħubiji fil-bidu tal-2012.

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar Sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2014 — 19 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-79-35242-3 – doi:10.2767/52225 (Print)

ISBN 978-92-79-35219-5 – doi:10.2767/45068 (PDF)

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda: permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/eurodirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

IL-KODIĊI TA' KONDOTTA EWROPEW DWAR IS-SĦUBIJA FIL-QAFAS TAL-FONDI STRUTTURALI U TA' INVESTIMENT EWROPEJ

Is-sħubija, wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni Ewropea, timplika kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri u mal-imsieħba soċjali, NGOs u oħrajn b'interess relevanti. Minkejja li hija parti integrali mill-Politika ta' Koeżjoni, il-feedback minn oħrajn b'interess jindika li l-implimentazzjoni tagħha tvarja b'mod konsiderevoli madwar l-UE. Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar il-Prinċipju tas-Sħubija jstabbilixxi sett ta' standards komuni sabiex tinkiseb konsultazzjoni, parteċipazzjoni u djalogu mtejjeb mal-imsieħba għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF). Il-Kodiċi ta' Kondotta għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rabtiet fost l-Istati Membri u l-imsieħba fi proġetti sabiex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-esperjenza, ir-riżultati u l-prattiċi tajbin fil-perjodu ta' programmar il-ġdid. Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli f'format elettroniku fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Biex issir taf aktar dwar il-FSE jekk jogħġbok żur <http://ec.europa.eu/esf>

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social/>

 <https://www.facebook.com/socialeurope>

 https://twitter.com/EU_Social

